TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Antonella Grech Micallef

vs

Elia Caterers

CCT 165/21/MS

25 ta' Mejju 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fl-1 ta' Ottubru 2021 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' elf Euro, depozitu imhallas ghall-ikel tat-tieg taghha, liema tieg ma setax isir kif skedat minhabba r-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija tal-Covid.

Ra r-risposta tal-azienda intimata, fejn cahdet it-talba bhala infondata fil-fatt u fid-dritt u dan wara li hija kienet accettat li r-rikorrenti tipposponi l-gurnata tat-tieg ghal sena ta' wara u anke offrietilha skont fuq sala u dan minghajr ma talbuha depoziti ulterjuri.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi fis-27 ta' Settembru 2018 ir-rikorrenti hallset depozitu ta' elf euro lill-kumpanija intimata bhala konferma ghall-ikel tat-tieg li kien skedat ghall-1 ta' Meja 2021. Gara pero' li f'dak il-perjodu, r-restrizzjonijiet tal-Covid kienu ghadhom fis-sehh u allura t-tieg ma setax isir kif skedat. Ghalhekk, fit-8 ta' April 2021, ir-rikorrent ikkuntattjat lil kumpanija permezz ta' email biex tinfurmahom illi hija xtaqet tmexxi d-data tat-tieg taghha ghal 14 Mejju tas-sena 2022. Pero' ma setghetx issib sala ghaliex is-swali kienu kollha mimlijin. Spjegat kif l-azjenda intimata offrietilhom skont fuq sala minn taghhom, pero' r-rikorrenti ma xtaqitx tizzewweg matul il-gimgha, u wara li hasbuha sew, iddecidew illi jzommu d-data originali taghhom - u cjoe' l-ewwel ta' Mejju 2021, u jaghmlu tieg izghar ghal familjari taghhom. Ir-rikorrenti xorta wahda xtaqet tuza s-servizzi tal-kumpanija u tuza d-depozitu gja mhallas ghall-ikel tat-tieg u kienet anke lesta tohrog iktar flus, jekk kien hemm bzonn, pero' l-kumpanija rrifjutat.

Ir-rikorrenti qalet ukoll illi applikat ghall-iskema tal-gvern biex tiehu rifuzjoni ta' depoziti li thallsu ghal tigijiet li ma setghux isiru minhabba l-pandemija, u spejgat illi b'kollox hallset €4,070 - depozitu fuq l-ikel tat-tieg, fuq is-sala tat-tieg u depozitu iehor ghall-attrezzar (decorations) - u hadet rifuzjoni ta' €530.00. Spjegat ukoll illi s-sala fejn originarjament kienet ser taghmel it-tieg ma kenitx ha tibqa toffri s-servizz wara Mejju 2021 u allura ma setghetx tipposponi l-gurnata tat-tieg u tizzewweg hemmhekk is-sena ta' wara.

Xehed ukoll Paul Borg Bonaci min-naha tal-azjenda intimata li esebixxa it-tieni kuntratt, li qatt ma gie iffirmat mir-rikorrenti, liema kuntratt jaghmel referenza ghal depozitu ulterjuri. Spjega li meta jaghmlu kuntratt jindikaw zewg depoziti, l-ewwel wiehed ghandu jithallas dakinhar meta jsir il-booking u t-tieni depozitu ghandu jithallas sitt xhur qabel it-tieg. Qal ukoll illi huma kienu lesti li jipposponu ghal data ohra, meta riedet hi u li offrielha wkoll skont tajjeb fuq sala tat-tieg biex jipprova jghinha. Spjega illi t-tieg kien ha jkun ghal mitejn u hamsin ruh u kienet uzat is-servizzi ta' erba sales reps li ghinuha biex tagheml tlett menus u zewg kuntratti, apparti l-emails u l-istock li kellu fil-*fridges.*

Ikkunsidra

Permezz ta' din il-kawza, irrikorrenti qeghda titlob minghand l-kumpanija intimata l-hlas tas-somma ta' €1,000 rifuzjoni ta' depozitu li hija kellha thallas bhala konferma tal-ikel tat-tieg taghha li kellu jsir fl-1 ta' Mejju 2021 u dan skond kuntratt datat 27 ta' Settembru 2018, debitament iffirmat mill-partijiet. Ir-rikorrenti qieghda tghid illi t-tieg ma sehhx minhabba ragunijiet barra mill-kontroll taghho u peress li l-oggett tal-ftehim ma sehhx, allura ghandha tiehu lura d-depozitu imhallas.

It-Tribunal ghandu quddiem zewg kuntratti - wiehed datat 27 ta' Settembru 2018 u iehor datat 8 ta' April 2021. It-tieni kuntratt huwa datat 8 ta' April 2021, li hija l-gurnata meta r-rikorrenti baghtet email lil Adriana Sammut fejn uriet ix-xewqa taghha li tipposponi t-tieg taghha ghal 14 ta' Mejju 2022.

Dan l-email hu pjuttost xott mid-dettal u ighid hekk:

*Dear Adriana, Wedding date was 1st May 21. Would like to move 14 May 22.*

Illi jidher illi minn dak in-nhar (8 ta' April 2021), ir-rikorrenti kienet f'kuntatt kontinwu mal-azjenda intimata fejn kienet qed tipprova tasal ghal xi tip ta' kompromess. Gimgha wara, fil-15 ta' April 2021, ir-rikorrenti regghet baghtet email fejn spjegat illi ghalkemm hija ippruvat tipposponi t-tieg taghha ghas-sena d-diehla, dan ma kienx possibbli u spjegat

illi kienet lesta ghalhekk li tiehu ikel minghand il-kumpanija li jkopri l-valur tad-depozitu u anke thallas iktar, izda l-kumpanija rrifjutat.

It-tieni kuntratt qatt ma gie iffirmat u ghalhekk ma jorbot l-ebda wiehed mill-partijiet.

L-ewwel kuntratt, datat 27/9/18 kien iffirmat sentejn u nofs qabel id-data originali tat-tieg, meta ħadd ma kien għadu sema bil-pandemija u meta ma kien hemm l-ebda restrizzjonijiet fuq tigjiet. Is-sitwazzjoni inbidel b'mod drammatiku f'Marzu/April 2020 meta d-dinja kif nafuha inbidlet ta' taht fuq. It-tigijiet ma kienux permessi li jsiru, u dan minn sena qabel Mejju 2021. Fil-fatt, sa' Meja 2021, ir-restrizzjonijiet baqgghu fis-sehh u t-tieg tar-rikorrenti ma setax isir.

Hawnhekk allura si tratta ta' kaz fortiwitu ghaliex hemm l-elementi kemm ta' imprevedibbilta' kif ukoll inevitabbilita', u cjoe' avveniment li ma setax ikun prevedut minn pesuna ta' diligenza ordinarja. Fil-fatt, jekk wiehed jaqra l-kuntratt, ir-rikorrenti suppost kellha thallas depozitu iehor ta' elf euro sa' Novembru 2020 u nofs l-ammont kollu tat-tieg sal-ahhar gimgha ta' April 2021. Pero' dawn qatt ma thallsu minnha (u ma kien hemm l-ebda talba formali jew ufficjali) u dan peress illi hadd ma kien jaf meta t-tigijiet kienu ser jergghu isiru liberament, u allura bir-ragun, kien ikun ingust li kieku dawn id-depoziti baqghu jithallsu ghal xejn.

Ghalkemm id-data originali indikat fuq l-ewwel kuntratt gie imhazzez u minfloku hemm indikat 'New Date' - 14/05/2022, dan it-thazziz sar ferm wara l-kuntratt gie iffirmat u ghalhekk ma jifformax parti mill-kuntratt originali iffirmat mill-partjijiet. It-Tribunal jifhem illi l-email mibghuta fit-8 ta' April 2021 kienet xejn hlief xewqa tar-rikorrenti illi (tipprova) tbiddel id-data tat-tieg, imma dan bl-ebda mod kien *'set in stone'*. Fil-fatt fl-email sussegwenti mibghut fil-15 ta' April, u allura gimgha biss wara l-ewwel email, ir-rikorrenti tispjega illi ghalkemm ippruvat, ma setghetx tipposponi d-data u iddecidiet ghalhekk illi thalli kollox kif inhu u taghmel it-tieg taghha bejn il-familjari biss, fid-data originali -1 ta' Mejju 2021. Ovvjament, ma setghetx tistieden mitejn u hamsin ruh minhabba r-restrizzjonijiet, izda xorta wahda riedet tordna l-ikel minghand Elia biex ma titlifx u ma ttellifx id-depozitu.

Ill l-argument tal-kumpanija intimata, li d-depozitu ma jistax jigi rifuz lill-klijent taht l-ebda cirkostanza, tmur kontra d-drittijiet tal-konsumatur u ma taghmilx sens. L-argument migjub mill-intimat, li huma xtraw stock apposta li kien fil-*fridge* ma jreggix meta wiehed iqis illi huma kienu disposti illi jipposponu t-tieg sa' anke sena u nofs wara. Fl-ahhar mill-ahhar, jidher illi l-problema principali kienet il-fatt illi minn tieg ta' mitejn u hamsin ruh, issa t-tieg kien ser ikun ferm izghar u dan kien fattur ghaliex huma irrifjutaw.

Illi t-Tribunal jidhirlu illi dan ma kienx kaz kapriccuz fejn ir-rikorrent iddecidiet illi tikancella t-tieg '*at the eleventh hour*' meta l-ikel kollu kien ippreparat u lest. Il-fatt illi s-socjeta' intimata kienu disposti illi jipposponu s-servizz taghhom ghas-sena d-diehla, jffisser illi huma, bhal kumplament tad-dinja kollha, kienu ferm konxji tas-sitwazzjoni fluwida fl-industrija tat-tigijiet - sitwazzjoni li kienet '*touch and go*' sal-ahhar. Ghalhekk it-Tribunal jemmen illi sat-8 ta' April 2021, meta intbaghat l-ewwel email, il-kumpanija kienet qed tistenna biex tara kif kienet ha tizvolgi s-sitwazzjoni. Mit-8 ta' April sal-15 ta' April 2021, ir-rikorrenti u l-kumpanija kienu qeghdin jippruvaw issibu soluzzjoni izda dan ma sehhx.

It-Tribunal jidhirlu illi gialdarba l-kuntratt ma setax jigi esegwit minhabba cirkostanza li fuqha r-rikorrenti ma kellha l-ebda kontroll, ir-rikorrenti ma kellhiex tigi mgieghela tipposponi it-tieg ghal gurnata ohra, gialdarba it-tieg ma setax isir fid-data specifku tal-kuntratt. Ghalhekk r-rikorrenti kellha ragun illi titlob ir-rexizjoni tal-kuntratt. Il-fatt illi r-rikorrenti kienet anke lesta illi tuza d-depozitu biex tordna ikel ghal familjari taghha fl-istess gurnata tal-kuntratt originali, biex ma ttellifx il-kumpanija l-flus u fl-istess hin ma titlifx flus hi, turi l-*buona fede*. Min-naha l-ohra ir-rifjut tal-kumpanija li jaccettaw din il-proposta u jipprovaw izzommu id-depozitu kollu, hija forma ta' arrikament ingust.

Wara li qies ic-cirkostanzi kollha, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ippruvat l-istanza taghha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna l-azjenda intimata thallasha s-somma ta' elf euro (€1,000.00). Bl-ispejjes kontra l-istess azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru